**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr Simone Grech LL.D.**
**Seduta tas-16 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Emanuel Camilleri**
**Norbert Camilleri**
**Jacqueline Camilleri**
**Paolo Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Emanuel Camilleri ta' 56 sena bil-karta ta' l-identita' numru 454959M; Norbert Camilleri ta' 32 sena, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 517983M; Jacqueline Camilleri ta' 34 sena, u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 635381M u Paolo Camilleri ta' 59 sena, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 20156M akkuzati talli;

> *"nhar l-10/12/2015 ghall-habta ta' bejn 14:00hrs u 16.00hrs, gewwa Palma F/House, Triq is-Salina, Naxxar:*
>
> 1. *Minghajr il-hsieb li tisirqu jew li taghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandkom, giegheltu bl-awtorita' taghkom infuskom, lil xi had ihallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkiltu lil Giuseppe Camilleri, fil-pussess ta' hwejgu b' xi mod iehor, kontra l-ligi jew indhaltu fi hwejjeg ta' haddiehor;*
> 2. *Gibtu ruhkom b' tali mod li tajtu fastidju lil Giuseppe Camilleri u Yvonne Camilleri u b' mod li kontu tafu jew li misskom kontu tafu*

*li dak li ghamiltu kien ta' fastidju ghal Giuseppe Camilleri u Yvonne Camilleri*

3. *Minghajr hsieb li taghmlu reat dhaltu f' fond Palma F/House, Triq is-Slaini Naxxar liema fond huwa proprjeta' ta' Giuseppe Camilleri u dhaltu f' dan il-fond wara li gejtu mwissija minn Giuseppe Camilleri li m' ghandkomx tidhlu jew dhaltu bil-mohbi jew skuza falza jew qerq iehor;*
4. *Bl-imgieba taghkom ikkagunajtu lil Giuseppe u Yvonne Camilleri biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra il-propjreta' taghhom jew kontra l-persuna taghhom jew proprjeta' ta' xi had mill-axxendenti/dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghhom.*

*Lil Emanuel Camilleri : minghajr ma drobt, sawwat, heddidt lil Giuseppe Camilleri, b' gebel jew oggett iehor iebes jew waddabt jew qbadt arma sabiex thebb ghalih*

*Lil Norbert Camilleri: Ghamilt reat iehor wara li kont ikkundannat ghal reat b' sentenza datata 22/1/2013 mahruga mill-Magt J Apap Bologna BA LL.D*

*Lil Kulhadd- F' kaz ta' htija, il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika Kap 9 Art 383 ghas-sigurta' ta' Giuseppe u Yvonne Camilleri."*

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-diversi dokumenti esebiti.

Rat it-traskrizzjonijiet tal-provi mismugha minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta.

Rat l-Artikoli 85, 251A (a) u (b), Art 339, Art 251B u Art 339(l) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni u r-raba' imputazzjonijiet**

Din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati kollha.

Illi mill-qari ta' l-akkuzi jirrizulta illi din tinkwadra ruha fit-termini ta' l-artikolu 251A u Art 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn l-artikoli huma bbazati mill-Ligi Ingliza 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar dan l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:

> *'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the eprson or causing the person distress.*
>
> *In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment.*
>
> *But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which ws calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*
>
> *Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely*

*its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC.*

*In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given inc ivil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.'(Archbold : 2003 pages 1688 – 1689 paragraphs 19-277a; 19-277b).*

Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Raymon Parnis</u>** deciza fit-18 ta' Gunju 2009, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet analizi approfondita tar-reati in ezami; dik il-Qorti qalet hekk:

*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghallewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.*

*L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi*

*li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju talpersuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': "alarming" jew idejjaq: "causing distress" lill-persuna. .....*

*U mbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn lokkazzjonijiet. ..... Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik limgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed*

*jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna, ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' millbanda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali firrigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" ill vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. ......... Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez" [21.6.2007]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila" [12.2.2009] u ohrajn)*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person,*

> *annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose". Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex ilQorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi, tenut kont ta' dan l-insenjament, fid-dawl tal-provi processwali u fid-dawl tal-imputazzjonijiet hekk kif imressqa kontra l-imputati, irrizulta li l-fatti tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti huma limitati fiż-żmien għal jum wieħed, precizament ghal perijodu ta' saghtejn, għax hekk hija redatta ċ-ċitazzjoni. Ma giex ppruvat l-*course of conduct* necessarju biex jissussistu dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Addizzjonalment mill-verbal tat-28 ta' Settembru 2017, irrizulta li l-prosekuzzjoni ghaddiet biex tirtira dawn iz-zewg imputazzjonijiet u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

It-tielet imputazzjoni tirrigwarda l-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 339 ( o) tal-Kap 9. Din tirrikjedi s-sewgenti elementi:

(i) mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor,
(ii) jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor
(iii) wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol,
(iv) jew jidħol bil-moħbi tiegħu,
(v) jew bi skuża falza
(vi) jew b'qerq ieħor

Fil-kaz odjern, ma tressqitx prova li l-allegat fond "Palma F/House" Triq is-Salini, Naxxar kienet id-dar fejn joqghod Giuseppe Camilleri u Yvonne Camilleri. Mir-rapport ta' l-incident ezebit f' dawn l-atti, l-indirizz ta' Giuseppe Camilleri u Yvonne Camilleri gie mnizzel li huwa

38, Meadow Fields, Fl 6, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex u mhux l-allegat fond imsemmi f' din l-imputazzjoni.

Gialadarba, dan l-element ma giex ippruvat, din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata.

**<u>Imputazzjoni fir-rigward ta' Emanuel Camilleri wahdu</u>**

Emanuel Camilleri gie akkuzat illi minghajr ma darab, sawwat, hedded lil Giuseppe Camilleri b' gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad arma sabiex ihebb ghal Giuseppe Camilleri.

L-artikolu 339 (b) tal-Kap 9 jirrikjedi s-segwenti elementi sabiex jigi ppruvat:

(i) mingħajr ma jidrob jew isawwat,
(ii) ihedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin,
(iii) jew iwaddabhom,
(iv) jew jaqbad armi oħra kontra n-nies.

F' dan il-kaz, hemm ammissjoni da parti ta' Emanuel Camilleri li huwa kien pogga gebel sabiex Giuseppe Camilleri ma jkunx jista' jghaddi ghal go l-ghalqa bit-*tractor* tieghu. Ma rrizultax izda ppruvat li kien hemm xi tip ta' thedid. Dak li sehh kien li tpoggew il-gebel sabiex Giuseppe Camilleri ma jghaddix minn fuq l-art li kienet mizrugha.

**<u>Imputazzjoni fil-konfront ta' Norbert Camilleri wahdu</u>**

Norbert Camilleri gie akkuzat illi ghamel reat iehor wara li kien ikkundannat ghal reat b' sentenza datata 22/1/2013. Fil-mori ta' din il-kawza, giet ezebita kopja ta' din is-sentenza, izda din il-kopja prodotta ma kinitx vera kopja. Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddeciedi li din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata stante li ma ngabitx prova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mill-Prosekuzzjoni.

**<u>L-imputazzjoni ta' raggion fattasi</u>**

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioé:
"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895,

Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u
(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123).

Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi millintenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika.

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Din l-imputazzjoni giet mahruga fil-konfront ta' l-imputati stante li Giuseppe Camilleri sostna illi huwa ma giex mholli jghaddi ghal ghalqa tieghu. Mill-provi ezebiti, inkluza x-xhieda moghtija, ir-ritratti ezebiti u l-filmat ezebit jirrizulta li tpoggew gebel sabiex Giuseppe Camilleri jghaddi mill-moghdija u mhux minn go nofs ir-raba' li kien mizrugh. In oltre, ma hemmx qbil bejn min ghandu l-pussess ta' wahda mir-raba' in kwistjoni u dana stante li l-imputati qed jinsistu li wahda mir-raba' in kwistjoni kienet fil-pussess ta' Paolo Camilleri mentri Giuseppe Camilleri nsista fix-xhieda tieghu li dik ir-raba' partikolari kienet fil-pussess ta' Paolo Camilleri izda imbaghad huwa kien ha lura l-pussess taghha.

F' dawn il-proceduri, hlief ghax-xhieda viva voce dwar l-allegat pussess ta' dawn ir-raba', ma tressqux provi dwar min kien ihallas qbiela jew fuq min jirrizulta li hija registrata din ir-raba' sabiex jigu kkorraborati l-verzjonijiet moghtija li rrizultaw li huma konfliggenti.

Il-Qorti tinnota wkoll li din l-akkuza harget specifikament fir-rigward ta' Palma F/House, Triq is-Salina, Naxxar u mhux fir-rigward ta' raba' li hemm f' dawn l-akwati. Din il-Qorti tqis li fid-dawl tal-kunflitt fil-verzjonijiet moghtija, kif ukoll in-nuqqas fl-imputazzjoni li jkun imnizzel b' mod korrett fejn allegatament sehh dan l-incident, din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata.

**Decide**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din is-sentenza billi wara li rat l-artikoli 85, 251, 251 A, 251 B, u 339 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet stante li dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni filwaqt li ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra rimanenti dedotti fil-konfront taghhom u konsegwentement tilliberahom minn kull kundanna u htija.**

**Dr Simone Grech LL.D.**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**